## TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 16 ta' Dicembru, 2015**

Talba Nru: 870/2015JB

Numru 15

**Alfred Pule' (K.I.: 90956M)**

***vs***

**Automated Revenue Management Services Limited (C46054)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat nhar l-10 ta' Novembru 2015 li permezz tieghu l-Attur ippremetta dan li gej:

> Ir-rikorrenti ircieva sensiela ta' invoices mis-socjeta' intimata Automated Revenue Management Services Ltd liema invoices kienu qed jitolbu ammonti inveritieri kif se jigi iktar dettaljat fil-mertu tal-kawza;
>
> Illi ir-rikorrenti dahal f'tahdidiet mas-socjeta' intimata fejn certu fatturi gew solvuti amikevolment izda ma kien hemm l-ebda qbil fuq il-fatturi numri 15110857, 15077053 u 15981465. Ir-rikorrenti gie mitlub ihallas ammonti eccessivi u inveritieri u dana ghaliex gew ikalkulati mis-socjeta' intimat b'mod zbaljat u cioe' mhux fuq in-numru korrett ta' persuni li kienu qedghin jghixu gewwa l-fond 22, Villa Fontaine, Daniel Sammut Street, Lija;
>
> Illi r-rikorrenti minkejja d-diversi tahdidiet mas-socjeta' intimata ma kellux success sabiex dawna l-invoices jigu rrangati u huwa kellhu jhallas l-ammonti *under protest*;
>
> Illi r-rikorrenti talab diversi drabi sabiex jigi rifuz l-ammont zejjed imhallas u kif inghad qabel kien hemm certu fatturi fejn is-socjeta' intimata irrifondiet lir-rikorrenti izda baqghet inadempjenti rigward il-fatturi 15110857, 15077053 u 15981465;
>
> Illi mill-fattura 15110857 is-socjeta' intimata trid tirrifondi lir-rikorrenti l-ammont ta' €884.49; mill-fattura 15077053 l-ammont €1,196.83 jrid jigi rifuz lir-rikorrenti; u mill-fattura 15981465 l-ammont €372.93 jrid jigi rifuz. Illi ghalhekk l-ammont globali li jrid jigi rifuz huwa ta' €2,454.25;
>
> Ghaldaqstant qieghed jigi umilment mitlub sabiex dana it-Tribunal jordna illi s-socjeta' intimata Automated Revenue Management Services Ltd hija debitrici tar-rikorrent fl-ammont ta' €2,454.25 u ghalhekk jordna lis-socjeta' intimata taghti lir-rikorrenti l-ammont ta' €2,454.25 fi zmien perentorju. Bl-ispejjez ta' dina l-kawza u tal-ittra 166A ddatata 13 ta' Ottubru 2015;

Ra d-digriet tat-13 ta' Novembru 2015 fejn il-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tad-9 ta' Dicembru 2015;

Ra r-risposta tas-Socjeta Konvenuta pprezentata nhar l-4 ta' Dicembru 2015 li permezz taghha din laqghet ghall-azzjoni attrici billi eccepiet dan li gej:

1. Illi preliminarjament, is-socjeta' intimata teccepixxi n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jisma' u jiddeciedi l-kawza odjerna u dan *ai termini* tas-sezzjoni 1.3 tat-taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' intimata tirrispingi l-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet migjuba kontra taghha bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinkombi fuq ir-rikorrent sabiex igib prova tal-ammont li qieghed jallega li huwa dovut, liema ammont reklamat huwa kkontestat;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Ra l-verbal tas-seduta tal-15 ta' Dicembru 2015 u qies is-sottomissjonijiet maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-Socjeta Konvenuta ghas-seduta tal-lum;

Ikkunsidra;

Illi permezz ta' din il-kawza l-Attur qieghed jitlob li s-Socjeta Konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' €2,454.25 liema somma tirraprezenta rifuzjoni li l-istess Attur qieghed jippretendi li jiehu minghand is-Socjeta Konvenuta peress li skond hu kontijiet ta' dawl u tal-ilma mahruga mis-Socjeta Konvenuta gew kalkulati b'mod erronju u ma jiehdux qies tan-numru korrett ta' persuni li kienu jabitaw fil-fond fejn gie somministrat is-servizz;

Illi s-Socjeta Konvenuta laqghet ghal din l-azzjoni billi *inter alia* eccepiet li dan it-Tribunal mghandux il-gurisdizzjoni sabiex jitratta l-kawza in vista tad-disposizzjonijiet tar-Raba' Skeda tal-Att dwar l-Arbitragg (Kap. 387);

Illi jkun floku li qabel xejn, it-Tribunal iqis dak li tipprovdi l-parti tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387 li a bazi taghha s-Socjeta Konvenuta qieghdha tibbaza l-ewwel eccezzjoni taghha:

> It-tilwimiet hawn iżjed 'l isfel imsemmija fit-Taqsima A għandhom jiġu determinati b'arbitraġġ u għandhom jittieħdu f'arbitraġġ taħt ir-regoli msemmija fit-Taqsima B b'żieda ma' dawk ir-regoli li jistgħu jiġu maħruġa miċ-ċentru minn żmien għal żmien.
>
> Taqsima A
>
> …
>
> 1.3 Tilwimiet marbuta mas-servizzi tal-elettriku u tal-ilma
>
> Kull tilwima li jkollha x'taqsam mal-provvista tal-enerġija elettrika, kera ta' meter tal-elettriku, jew kull servizz provdut mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, u kull tilwima marbuta mas-servizzi tal-ilma, bla ħsara, fejn dan japplika, għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 466 tal-Kodiċi ta'

> Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, għad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar it-Trasferiment tal-Attiv, id-Drittijiet, id-Debiti u l-Obbligi ta' Enemalta u l-Att dwar il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, u għad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Provvista tal-Elettriku u r-Regolamenti dwar il-Fornitura ta' Ilma:
>
> Iżda l-konsumaturi jkollhom jedd jippreżentaw it-talbiet tagħhom kontra l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jew il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, kif ikun il-każ, skont il-proċedura stabbilita b'dan l-Att:
>
> Iżda wkoll minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, iżda minbarra l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur jew kull regolament magħmul taħtu fejn dawn il-liġijiet jikkonċernaw is-soluzzjoni, deskritta kif deskritta, ta' kull tilwim tal-konsumatur, u bla ħsara għal każijiet li hemm pendenti, it-Tribunal tal-Arbitraġġ għandu jkollu l-ġurisdizzjoni esklussiva fuq dawn il-każijiet.

Illi anke mad-daqqa t'ghajn, partikolarment tenut kont ta' dak li vverbalizzaw id-difensuri tal-partijiet fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2015, jidher li l-kwistjoni mertu tal-kawza odjerna taqa' fil-parametri tad-disposizzjonijiet appena citati u t-Tribunal ma jarax il-htiega li jezamina l-fatti ulterjorment;

Illi madankollu, biex wiehed jasal ghal xi konkluzjoni dwar l-applikabbilita tar-Raba' Skeda, jehtieg li wiehed iqis l-iskop u l-portata li l-istess skeda ghandha fl-Att li minnu tikkostitwixxi parti. Fil-fatt, minn ezami tal-Kap. 387 jidher li r-riferenza ghar-Raba' Skeda tinsab fl-Art. 15(11) tal-Kap. 387 li jipprovdi kif gej:

> B'żieda ma' dawk imsemmija b'kull liġi oħra, il-klassijiet ta' tilwimiet imsemmija fir-Raba' Skeda huma soġġetti għal arbitraġġ mandatorju u f'dawk il-każijiet il-partijiet għandhom jitqiesu li jkunu marbutin bi ftehim ta' arbitraġġ relatat ma' dawk it-tilwimiet.

Illi jsegwi ghalhekk li l-frazi "arbitraġġ mandatorju" – liema frazi mhijiex definita fl-Att dwar l-Arbitragg – tfisser, li fic-cirkostanzi imsemmija fl-Ewwel Taqsima tar-Raba' Skeda, il-kontendenti jitqiesu li jkunu marbutin bi ftehim ta' arbitraġġ relatat ma' dawk it-tilwimiet. Konsegwentement, ir-regoli li japplikaw ghal arbitraggi mandatorji huma analogi ghar-regoli li japplikaw ghal arbitraggi mhux mandatorji, salv naturalment fejn il-ligi tipprovdi mod iehor bhal per ezempju fejn imiss mal-jedd ta' appell[1] u dwar il-pubblicita tal-proceduri.[2] Dan hu spjegat bl-aktar mod car fl-ewwel partita tat-Tieni Parti tar-Raba' Skeda li tipprovdi espressament li arbitraġġ mandatorju jkun arbitraġġ domestiku ghall-ghanijiet tal-Att u għandu jkun regolat bit-Taqsima IV tal-Att;

Ikkunsidra;

Illi permezz tal-Att II tal-1996 (illum Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta), liema ligi dahlet fis-sehh fi stadji differenti bl-ewwel fazi tidhol fis-sehh fi Frar tal-1998, l-arbitragg gie formalizzat u regolat ahjar. Dan sar billi nholoq ic-Centru Malti tal-Arbitragg li ghandu wkoll funzjoni li jirregola l-arbitraggi fil-waqt li tfasslu regoli u parametri ghall-arbitraggi kemm dawk domestici kif ukoll dawk internazzjonali. Sakemm saret din il-ligi, il-proceduri kienu jigu regolati permezz tal-Art. 968 sa 987 tal-Kap. 12. Il-lodi arbitrali kellu s-sahha ta' titlu ezekuttiv gjaladarba kien jigi mahluf quddiem ir-Registratur tal-Qorti u jsiru l-formalitajiet l-ohra dari preskritti fil-kodici ta' procedura. Qabel id-dhul fis-sehh tal-Att dwar l-Arbitragg, ir-riferenza ta' tilwima ghal arbitragg kienet soggetta ghal qbil bejn il-partijiet involuti. Il-prattici kienu jsiru mill-partijiet li bejniethom kienu jaghzlu l-arbitru u jaghmlu

[1] Art. 15(11A) u 70C tal-Kap. 387
[2] Art. 15(15) tal-Kap. 387

ftehim arbitrali. Ma kienx hemm sistema li permezz taghha parti setghet tirrikorri f'registru u "tharrek" billi ticcita lil parti adversa f'arbitragg. Ghalhekk, ir-riferenza ghall-arbitragg kienet tiddependi kompletament fuq ir-rieda tal-kontendenti kollha li effettivament jirrimettu kwistjoni ghall-arbitragg. F'dan il-kuntest wiehed irid iqis certi gudikati moghtija mill-qrati taghna;

Illi s-sentenza fl-ismijiet "Ignatius Gatt *vs* Franco Facchetti *et*" deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l-10 ta' Ottubru 2003, liema sentenza kienet tirrigwarda cirkostanzi li nqalghu fl-1990 u kwindi snin qabel ma dahal fis-sehh l-Att dwar l-Arbitragg, taghti stampa cara ta' x'kienet is-sitwazzjoni dak iz-zmien. Fil-fatt, il-qorti irriteniet kif gej dwar fuq min tinkombi r-responsabbilita li jirreferi kwistjoni ghal arbitragg skond il-patt arbitrali li kien hemm bejniethom:

> Fi kliem iehor, iz-zewg partijiet kellhom it-tnejn indaqs l-obbligu kontrattwali, wara li tfacca d-dizgwid serju bejniethom, li jirreferu l-kwistjoni ghad-decizjoni ta' l-arbitru minghajr dewmien. Huwa principju sagrosant tal-ligi li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-buona fidi. Din il-Qorti hi tal-fehma li mhux permess ghall-konvenut li issa jinvokaw l-ezekuzzjoni tal-klawzola arbitrali f'din il-kawza meta wrew passivita` prolungata taghhom, kienu wrew bic-car li ma kellhomx l-intenzjoni li jimxu fit-triq ta' l-arbitragg;

Illi llum il-gurnata, madankollu dan l-argument qajla jista' jitqanqal ghaliex skond il-procedura tac-Centru Malti tal-Arbitragg, parti li trid tavvanza pretensjoni dwar kwistjoni li dwarha jkun hemm ftehim arbitrali, tista' tressaq tali pretensjoni permezz ta' avviz ta' tilwima fit-termini tal-Art. 17(1) tal-Kap. 387 li jipprovdi espressament:

> Il-parti li tibda l-proċeduri ta' arbitraġġ (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-rikorrent") għandha tippreżenta għand ir-reġistratur, avviż ta' arbitraġġ għal reġistrazzjoni għand iċ-Ċentru u sabiex dan jiġi notifikat lill-parti l-oħra (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-intimat") u kull proċedura u kull deċiżjoni li tingħata wara bis-saħħa tagħhom f'xi arbitraġġ li għalih tirreferi din it-Taqsima, għandhom ikunu nulli u bla ebda effett u mhux eżegwibbli jekk l-avviż ta' arbitraġġ relattiv ma jkunx ġie ppreżentat fiċ-Ċentru:
>
> Iżda ma jkun hemm l-ebda nullità tal-proċeduri jekk, wara li tonqos milli tippreżenta l-avviż ta' arbitraġġ kif imfisser b'dan l-artikolu fil-bidu tal-proċedimenti, xi parti tippreżenta l-avviż f'xi żmien qabel tingħata d-deċiżjoni ta' arbitraġġ skont l-artikolu 44(6). F'dan il-każ iċ-Ċentru għandu jirreġistra l-avviż ta' arbitraġġ iżda ma għandu jkollu ebda dmirijiet oħra f'dak ir-rigward.

Illi jsegwi ghalhekk li bis-sistema odjerna, min irid jiccita parti f'arbitragg jista' jaghmel dan permezz ta' procedura simili ghal dik adoperata ghall-proceduri quddiem il-qrati ordinarji;

Illi madankollu, ghad li kwistjoni tkun soggetta ghal ftehim arbitrali, skond id-dispozizzjonijiet tal-Art. 742(3) tal-Kap. 12:

> Il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza ċivili mhijiex eskluża mill-fatt li jkun hemm xi ftehim ta' arbitraġġ bejn il-partijiet, sew jekk il-proċedimenti ta' arbitraġġ ikunu nbdew jew le, f'liema każ il-qorti, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' kull liġi li tirregola l-arbitraġġ, għandha twaqqaf il-

proċedimenti mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) u għas-setgħa li għandha l-qorti li tagħti kull ordni jew direttiva.

Illi din id-dispozizzjoni taghti lok ghal hafna hsieb. Il-gurisdizzjoni tal-qrati mhijiex eskluza ghal kollox minhabba klawsola arbitrali. Il-qrati taghna xorta wahda ghandhom is-setgha li johorgu mandati kawtelatorji, jqisu jekk tali mandati ghandhomx jibqghu fis-sehh. Fuq kollox, il-Qorti ghandha gurisdizzjoni li tordna l-esekuzzjoni tal-lodi arbitrali in kwantu dan jikkostitwixxi titlu ezekuttiv. Fid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell tal-4 ta' Mejju 1998 fl-ismijiet "George Camilleri *vs* Hugh P. Zammit *noe*" gie ritenut:

il-ligi (fl-artikolu 742(3) kif emendat) riedet li jigi assigurat li l-gurisdizzjoni tal-Qorti ta' kompetenza civili ma tkunx eskluza mill-fatt biss li jkun hemm xi ftehim ta' arbitragg bejn il-partijiet. Riedet allura tassigura li l-Qrati Civili jkunu jistghu u jkollhom il-kompetenza li jissindikaw il-validita` ta' tali ftehim ta' arbitragg, li kellhom id-dritt li jirregolaw il-proceduri skond kif trid il-ligi u anke li jkollhom il-kompetenza u l-gurisdizzjoni li jassiguraw l-ezegwibilita` tad-decizjonijiet arbitrali permezz ta' atti u mandati kawtelatorji, kif ukoll atti u mandati ezekuttivi… Dan ifisser illi d-disposizzjoni 742(3) ma kinitx intiza biex tinnewtralizza l-effikacja ta' klawsola arbitrali, imma intiza biss biex tassigura li jkunu l-Qrati Civili li jkollhom il-gurisdizzjoni li jirregolaw il-mod kif tali klawsola arbitrali kellhom jigu mhaddma u dana billi jkollhom il-poter li jaghmlu tajjeb u jaghtu direttivi fil-kaz li jkun hemm lakuni jew diffikultajiet fil-mod kif tali klawsoli kellhom jigu proceduralment imhaddma fil-prattika.

Illi hu floku li jinghad li quddiem cirkostanzi li jaghtu lok ghal proceduri arbitrali, il-qrati taghna ghandhom gurisdizzjoni residwa – sahha li jezercitaw attivita gurisdizzjonali f'cirkostanzi eccezzjonali bhalma jkun il-kaz meta l-qorti tkun rinfaccjata minn dubju dwar l-effikacja, il-validita o meno tal-klawsola arbitrali. Hu ragjonevoli li jinghad li minkejja s-setgha gurisdizzjonali residwa tal-qrati taghna li temani mid-dispozizzjonijiet tal-Art. 742(3) tal-Kap. 12, il-qrati ordinarji m'ghandhomx gurisdizzjoni li jidhlu fil-mertu tal-kontroversja ghad li jistghu jissindikaw il-validita tal-patt arbitrali;

Illi fi kwalunkwe kaz, tibqa' l-possibilita li l-konvenut f'kawza jakkwixxi ghall-gurisdizzjoni tal-qrati ordinarji ghad li jkun hemm ftehim ta' arbitragg;

Illi ghalhekk wiehed irid iqis id-dispozizzjonijiet tal-ligi dwar il-proceduri arbitrali mill-vicin;

Ikkunsidra;

Illi jkun ghalhekk utli li wiehed iqis id-dispozizzjonijiet dwar l-arbitraggi domestici li kwindi japplikaw ghal arbitraġġi mandatorji u cjoe l-Art. 15 tal-Kap. 387 li b'mod mill-aktar estensiv jirregola l-arbitraggi li jsiru f'din il-gurisdizzjoni:

15. (1) Fil-każ ta' ftehim ta' arbitraġġ domestiku, li jsir bis-saħħa tal-artikolu 14,[3] it-tilwimiet għandhom jitranġaw skont id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima, bla ħsara għal kull tibdil bħalma (a) il-partijiet jistgħu jaqblu dwaru bil-miktub, u (b) jista' jkun permess bil-liġi.

---

[3] L-Art. 14 jipprovdi li "ftehim ta' arbitraġġ domestiku huwa ftehim ta' arbitraġġ li ma jidħolx taħt it-Taqsima V, u b'mod partikolari taħt l-Artikolu 1(3) tal-Mudell ta' Liġi." It-Taqsima V tirrigwarda arbitraggi internazzjonali

(2) Għall-għanijiet ta' dan l-Att, tilwima tinkludi kull kontroversja jew pretensjoni li titnissel mill-ftehim jew li jkollha x'taqsam miegħu, jew il-ksur jew it-temm jew l-invalidità tal-ftehim jew in-nuqqas ta' tħaris tal-ftehim.

(3) Minkejja kull disposizzjoni li hemm fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jekk parti fi ftehim ta' arbitraġġ, jew xi persuna li tagħmel it-talba permezz jew bis-setgħa tal-parti, tibda xi proċedimenti legali f'qorti kontra kull parti oħra fil-ftehim ta' arbitraġġ jew xi persuna li tagħmel it-talba permezz jew bis-setgħa ta' dik il-parti, dwar kull ħaġa miftehma li tiġi riferita għall-arbitraġġ, kull parti f'dawk il-proċedimenti legali tista' f'kull żmien qabel ma tressaq xi eċċezzjonijiet jew tmexxi mod ieħor fil-proċedimenti, titlob lil dik il-qorti li twaqqaf il-proċedimenti, u dik il-qorti jew imħallef tagħha, kemm-il darba ma jkunx sodisfatt li l-ftehim ta' arbitraġġ ikun sar inoperattiv jew ma jistax jitkompla, għandha tordna li jitwaqqfu l-proċedimenti. Rikors jista' jsir minkejja li l-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-arbitraġġ biss wara li jiġu eżawriti proċeduri oħra ta' riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet.

(4) Meta l-proċedimenti kif hemm imsemmija fis-subartikolu (3) ikunu nġiebu quddiem qorti, proċedimenti ta' arbitraġġ jistgħu jinbdew jew jitkomplew: iżda t-tribunal tal-arbitraġġ m'għandu jieħu ebda passi fl-arbitraġġ sakemm ma l-Qorti tiddeċiedi dwar ir-rikors ħlief f'każijiet meta nuqqas li jingħata rimedju jirriżulta fi ħsara irreparabbli għal xi parti fil-proċedimenti tal-arbitraġġ. Mad-deċiżjoni tal-Qorti, li għandha tiġi notifikata lit-tribunal tal-arbitraġġ mir-rikorrent, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jkun marbut bid-deċiżjoni tal-Qorti dwar kwistjonijiet involuti fir-rikors u għandu jaġixxi skont hekk.

(5) Kull ħaġa li tagħti lok għal kwistjoni, ukoll wara li tkun inbdiet azzjoni legali dwarha fil-qorti, tkun tista', kemm-il darba dik il-ħaġa ma tkunx waħda minn dawk imsemmija fis-subartikolu (6), titranġa bil-mezz ta' arbitraġġ jekk il-partijiet kollha fit-tilwima jaqblu li jsir hekk.

…

(8) Mal-preżentata ta' rikors biex jitwaqqfu l-proċedimenti skont is-subartikolu (3), kull limitu ta' żmien għall-preżentata ta' kull risposta tal-intimat jew tweġiba oħra, kemm jekk titnissel mill-liġi jew minn ordni ta' xi qorti jew tribunal jew xort'oħra, għandu jiġi interrott u għandu jerġa' jibda jseħħ mid-data li fiha r-rikorrent jiġi notifikat bid-deċiżjoni tal-Qorti li tiċħad ir-rikors, u dan irrispettivament minn jekk isirx appell minn xi parti dwar din id-deċiżjoni.

(9) Il-Bord stabbilit taħt l-artikolu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jista' jagħmel regoli dwar ir-rikorsi lill-Qorti taħt is-subartikolu (3) u jippreskrivi d-drittijiet li għandhom jitħallsu ma' dawn ir-rikorsi.

(10) Kull meta tinġieb fl-arbitraġġ tilwima li l-materja ewlenija tagħha tkun taqa' taħt il-ġurisdizzjoni jew il-kompetenza ta' xi bord, tribunal jew awtorità oħra mwaqqfa għal dak l-għan b'xi liġi, dan ikun validu u effettiv u d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) għandhom japplikaw dwar dan mutatis mutandis; iżda d-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ma għandhomx japplikaw meta l-bord, tribunal jew awtorità oħra jkunu tax-xorta speċifikata fl-artikolu 75(1).

…

Illi jsegwi ghalhekk li l-ligi specjali li tirregola l-arbitraggi tipprovdi ghal procedura *ad hoc* fl-eventwalita li tigi prezentata kawza dwar materja li dwarha jkun hemm fis-sehh ftehim ta' arbitragg; kif gja inghad, fil-kaz odjern il-ftehim ta' arbitragg huwa prezunt;

Ikkunsidra;

Illi ricentement, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet "Mario Vella *vs* Malta Industrial Parks Limited" moghtija fit-30 ta' Settembru 2014, rinfaccjata b'sitwazzjoni fejn ghad li kien hemm fis-sehh ftehim ta' arbitragg, l-attur ghazel li jiddeduci l-pretensjoni tieghu f'kawza quddiem il-qrati ordinarji, ghal-liema azzjoni, il-konvenut eccepixxa n-nuqqas ta' gurisdizzjoni (bhalma qed taghmel is-Socjeta Konvenuta fil-kaz odjern), irriteniet li hemm tliet kwistjonijiet li ghandhom jigu kkunsidrati:

> fl-ewwel lok - setghux l-atturi jirrikorru ghall-qrati ordinarji meta l-patt mal-konvenuta kien jikkontempla li kontroversji bejn il-partijiet jigu decizi b`arbitragg;
>
> fit-tieni lok - kenitx proceduralment korretta l-konvenuta meta rinfaccjata bil-kawza tal-atturi minflok arbitragg wiegbet billi eccepiet in-nuqqas ta` gurisdizzjoni tal-qorti minflok irrikorriet biex jieqaf il-procediment quddiem il-qorti sabiex isir arbitragg;
>
> u fit-tielet lok - bil-fatt li l-konvenuta ma nsistietx fuq l-arbitragg, ghandux ifisser li l-konvenuta accettat il-gurisdizzjoni tal-qorti u b`hekk tacitament rrinunzjat ghall-klawsola arbitrali.

Illi dwar l-ewwel kwistjoni, il-Qorti rriteniet li ghad li l-principju tal-eskluzjoni tal-gurisdizzjoni tal-qrati ordinarji huwa accettat gjaladarba kien hemm fis-sehh ftehim ta' arbitragg, la darba *pacta sunt servanda*, l-atturi kellhom *in primis* imorru ghall-arbitragg mhux ghal kawza quddiem il-qrati ordinarji. Issa fil-kaz odjern wiehed jista' jargumenta li l-mhemmx klawsola arbitrali imma procedura imposta mil-ligi. Dwar din il-procedura jidher li fl-imghoddi tqanqlu kwistjonijiet varji anke ta' indole kostituzzjonali imma t-Tribunal ma jqisx li ghandu jidhol fihom anke ghaliex fil-kaz odjern ma tqanqlu ebda kwistjonijiet tali;

Illi dwar it-tieni kwistjoni, il-Qorti ghamlet riferenza ghall-Art. 15(3) tal-Kap. 387 u qieset li skond dik il-ligi, il-konvenuta setghet "*qabel ma tressaq xi eccezzjonijiet jew tmexxi mod iehor fil-procedimenti, titlob lil dik il-qorti biex twaqqaf il-procedimenti*" minflok il-konvenuta ma ghamlet l-ebda talba biex twaqqaf il-kawza kif ighid is-subinciz (3). Il-Qorti qieset ukoll illi ladarba l-kaz jitratta *lex specialis* kien jinkombi fuq il-konvenuta li jekk riedet tittenta twaqqaf il-kawza kellha ssegwi dak li jghid l-Art. 15(3) tal-Kap. 387 u mhux teccepixxi n-nuqqas tal-gurisduzzjoni tal-qorti skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 12 li hija l-*lex generalis*. Il-Qorti temmet tghid li "*dan jidher li kienet ukoll il-*forma mentis *tal-legislatur meta kien tassattiv li jirrendi applikabbli dak li jghid l-Art. 15(3) minkejja kull disposizzjoni li hemm fil-Kap. 12*";

Illi dwar it-tielet kwistjoni, il-Qorti rriteniet li l-konsegwenza tal-ghazla li ghamlet il-konvenuta li ma titlobx it-twaqqif tal-procediment kif previst mill-Art. 15(3) tal-Kap. 387 tittraduci ruhha f`accettazzjoni tal-gurisdizzjoni tal-qorti u bis-sottomissjoni (*submission*) taghha ghall-gurisdizzjoni tal-qorti, il-konvenuta rrinunzjat, b'mod car u inekwivoku, ghalkemm tacitament, li tenforza l-klawsola arbitrali. Temmet tghid il-qorti illi "*rinfaccjata bil-kawza, u b'disposizzjoni daqstant cara bhal ma hija l-Art. 15(3) tal-Kap 387, l-uniku mod li kellha l-konvenuta biex tinsisti fuq it-tharis tal-klawsola arbitrali u tittenta tbieghed kull kwistjoni ta' gurisdizzjoni tal-qorti kienet li tmur ghal tharis skrupoluz tad-disposizzjoni*";

Illi quddiem din il-gurisprudenza, dan it-Tribunal ma jqisx li jista' jiddeklina l-gurisdizzjoni tieghu billi jilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-Socjeta Konvenuta. Madankollu, it-Tribunal iqis li hemm kwistjoni ohra li jehtieg li tigi sorvolata u din hi l-fatt li ghad li l-Kap. 387 jirreferi ghall-qrati, l-azzjoni odjerna u kwindi l-eccezzjoni in dizanima tqanqlu quddiem tribunal specjali munit b'gurisdizzjoni limitata u specifika;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) u l-legislazzjoni sussidjarja maghmula bis-sahha tieghu jipprovdu dwar kif ghandhom jitmexxew il-proceduri quddiem dan it-Tribunal, u dan bhala tribunal specjali li lanqas ma hu marbut bir-regoli tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) (*Vide* "Wands Limited *vs* William Dingli *et*" deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-8 ta' Jannar, 2010). Hu ben assodat il-fatt li dan it-Tribunal gie mwaqqaf permezz ta' att legislattiv specjali (Kap. 380), huwa tribunal

specjali billi hekk hemm indikat sija fid-dibattiti parlamentari kif ukoll fl-istess funzjonijiet u ghandu procedura specjali applikabbli. (Ara f'dan is-sens "Dennis Mifsud *vs* Albert Degiorgio" deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-11 ta' Frar 2004);

Illi jsegwi ghalhekk li mhuwiex korrett li jinghad li dak li japplika ghall-qrati ordinarji japplika bl-istess mod ghal dan it-Tribunal;

Illi huwa maghruf li *lex specialis derogat generalis* u ghalhekk sabiex wiehed isib is-soluzzjoni ghall-eccezzjoni li dan it-Tribunal huwa rinfaccjat biha, irid iqis liema hi l-ligi specjali u liema dik generali;

Illi ghal dan it-Tribunal, il-ligi specjali applikabbli ghall-eccezzjoni odjerna huwa l-Kap. 378. Dan igibna biex inqisu d-dicitura tal-istess dispozizzjonijiet rilevanti li kif rajna fic-citazzjonijiet aktar 'il fuq riportati jaghmlu riferenza ghall-"qorti" u "imhallef" u bl-ebda mod ma tirreferi ghal proceduri li jingiebu quddiem dan it-Tribunal jew addirittura quddiem il-qrati inferjuri, sa certu punt dan jista' jitqies bhala *lacuna*;

Illi sfortunatament, ghad li l-ligi taghti s-setgha lill-Bord stabbilit taħt l-artikolu 29 tal-Kap. 12 sabiex jagħmel regoli dwar rikorsi taħt l-Art. 15(3) tal-Kap. 12, ma jidhirx li saru regoli li jistghu jitfghu dawl fuq l-applikazzjoni ta' din il-procedura. Konsegwentement, imiss lit-Tribunal li jqis il-kwistjoni a bazi ta' principji legali accettati;

Ikkunsidra;

Illi fil-fehma ta' dan it-Tribunal, dan in-"nuqqas ta' hsieb" legislattiv jew ghazla ta' kliem limitata ma tistax tittiehed *ad litteram* u tigi applikata bhala li tapplika biss ghall-qrati superjuri. Kif jghid il-Professur Ganado fil-gabra ta' noti dwar il-Prolegomena li skond il-massima *"ubi eadem est ratio legis, eadem est eius dispositio"*:

> When the law's *ratio* is wider that the words actually employed, the interpreter may employ widening interpretation by applying the provision to cases which come within the *ratio* though perhaps not strictly within the wording.

Illi konsegwentement, id-dispozizzjonijiet tal-Art. 15(3) tal-Kap. 387 ghandhom jittiehdu li japplikaw anke fil-kaz odjern;

Illi ghalhekk, it-Tribunal ma jistax jiddeklina l-gurisdizzjoni tieghu billi jilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-Socjeta Konvenuta u se jichadha, ghad li japprezza li minkejja li l-hsieb tal-legizlatur kien li kwistjonijiet bhal dawk odjerni jigu rimessi ghall-arbitragg, il-kumpless legislattiv ihalli hafna dubji – dubji li sfortunatament qeghdin jaghtu lok ghal hafna hela ta' hin u xi kultant decizjonijiet kunfliggenti;

Illi ghalhekk it-Tribunal, fil-waqt li jichad l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-Socjeta Konvenuta, se jordna li l-ispejjez ta' dan l-episodju jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet fil-waqt li jistieden lill-kontendenti sabiex jipprevalixxu rwiehhom mid-dispozizzjonijiet tal-Art. 15(5) tal-Kap. 387 u jirrimettu din il-kwistjoni sabiex titranġa bil-mezz ta' arbitraġġ. Fl-istess hin, it-Tribunal jawspika li l-hafna dubji li jezistu dwar l-*interface* bejn il-proceduri arbitrali u dawk gudizzjali jew kwazi-gudizzjali jigu indirizzati possibilment bir-riforma li fil-prezent qieghdha ssir taht l-awspici tal-Onorevoli Ministru responsabbli mill-gustizzja u ghal dan il-ghan qed jordna lir-Registratur sabiex jinnotifika kopja ta' din is-sentenza lill-istess ministru;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-Socjeta Konvenuta billi jichad l-istess u jordna l-prosegwiment tal-kawza.  Spejjez ta' dan l-episodju jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*